MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 11/2019 LM

**Ian Bellia**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Styles Apertures Limited (C 56298)**
*(is-soċjetà appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Styles Apertures Limited (C 56298)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' Ottubru, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors fil-konfront tagħha tar-rikorrent, hawnhekk appellant, **Ian Bellia**, billi laqa' t-talbiet tar-rikorrent.

**Fatti**

2. L-appellat isostni li fl-2014 huwa kien ordna mingħand is-soċjetà appellanta tliet itwieqi kbar li ġew installati fil-fond tiegħu l-Mellieħa. Ftit tax-xhur wara waħda mit-twieqi ġarbet ħsara u l-appellat kien fetaħ każ quddiem it-Tribunal (CCT/99/14/S) u kien ingħata sentenza favur tiegħu. Waqt is-smigħ l-appellat jgħid li kien talab li s-soċjetà appellata tiċċekkja t-twieqi l-oħra sabiex jiġu evitati problemi simili, imma s-soċjetà appellanta naqset milli tagħmel dan. L-appellat jgħid li f'Mejju 2016 kienet żviluppat ħsara f'tieqa oħra bl-istess mod u wara li din it-tieqa kienet ġiet spezzjonata minn esponent tas-soċjetà appellanta, dan qabel li din it-tieqa kellha tinbidel. Imma s-soċjetà appellanta taħt xi skuża jew oħra naqset milli tagħmel dan.

**Mertu**

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal permezz ta' Avviż ippreżentat fid-29 ta' Mejju, 2017 fejn ta d-dettalji dwar il-każ tiegħu u fejn talab li jitħallas is-somma tlett elef erba' mija u erba' u disgħin Euro (€3,494.00) rappreżentanti ħsarat li ġraw fit-twieqi installati mis-soċjetà appellanta fil-post tiegħu l-Mellieħa.

4. Fis-26 ta' Ġunju, 2017 is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-risposta tagħha għal din it-talba tal-appellat, fejn eċċepiet li: (a) l-appellat ma segwix il-proċedura applikabbli kontemplata taħt l-artikolu 79 tal-Kap. 378; (b) it-twieqi ġew installati f'Diċembru 2013 u fil-bidu tal-2014 u għalhekk m'hemm l-ebda garanzija li għadha tkopri dawn ix-xogħlijiet; (ċ) ix-xogħlijiet inkwistjoni saru

mis-soċjetà appellanta skont is-sengħa u l-arti; (d) il-post tal-appellat f'Santa Maria Estate il-Mellieħa fejn ġew installati t-twieqi, huwa suġġett għal movimenti sostanzjali u ċaqliq tal-art, li jikkawżaw konsegwenzi bħal dawn.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna diversi twieqi fil-post tiegħu u wara ċertu żmien dawn it-twieqi bdew jitkissru.*
>
> *L-intimat issottometta illi jekk ikun hemm thermal break, it-twieqi għalhekk jinqasmu.*
>
> *It-Tribunal jinnota illi anki minkejja diversi wegħdiet mingħand l-intimat, li kellu jirranġa dawn it-twieqi, xorta dana m'għamlux.*
>
> *It-Tribunal qed jagħti tort lis-soċjetà intimata ta' dawn in-nuqqasijiet fit-twieqi.*
>
> *Għal dawn il-motivi it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet elef, erba' mija, u erba' u disgħin Euro (€3,494), rappreżentanti danni li ssubixxa r-rikorrenti f'dawn it-twieqi, u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata."*

**<u>Ir-Rikors tal-Appell</u>**

7. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-17 ta' Ottubru, 2019, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"... sabiex tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza data tal-1 ta' Ottubru, 2019 fl-ismijiet premessi fejn it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur laqa' t-talba tar-rikorrenti u minflok tiċħad l-istess talba u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat."*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellat min-naħa tiegħu jwieġeb li din il-Qorti għandha tikkonferma d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet imressqa fir-rikors tal-appell ippreżentat mis-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellati, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *it-Tribunal ma ttrattax l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta*

10. Is-soċjetà appellanta fl-ewwel aggravju tagħha tgħid li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata naqas milli jittratta l-ewwel eċċezzjoni tagħha li kienet tgħid li l-appellant naqas milli jotempera ruħu mal-obbligu li huwa impost fuq il-konsumatur fl-artikolu 79 tal-Kap. 378 li jgħid:

"79. (1) Sabiex ikun jista' jikseb beneficċju mir-rimedji disponibbli taħt din it-Taqsima, konsumatur għandu javża lill-kummerċjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformità fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak n-nuqqas ta' konformità.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, għandu jitqies bħala prova suffiċjenti li jkun ingħata avviż jekk in-notifika ssir b'att ġudizzjarju fiż-żmien preskritt, jew jekk il-konsumatur juri li l-ittra tkun intbagħtet bil-posta reġistrata fiż-żmien preskritt."

11. Min-naħa tiegħu l-appellat iwieġeb għal dan l-aggravju billi jgħid illi l-appellat kien ottempera ruħu mal-imsemmi obbligu kif huwa evidenti fin-*Notification to Trader* iddatata 21 ta' Ġunju, 2016 annessa mar-Risposta u mmarkata bħala Dok 'A'.

12. Il-Qorti tirrileva li mar-Risposta tal-Appell ippreżentata mill-appellat ma kien hemm l-ebda dokument anness li jixhed li l-appellat kien ottempera ruħu mad-dettami tal-artikolu 79 tal-Kap. 378. L-appellat, għalkemm fin-*Notice of Claim* tiegħu ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 2017 ukoll jagħmel riferiment għall-imsemmija *Notification to Trader* datata Ġunju, 2016, dan naqas li jippreżenta kopja tagħha.

Tqis illi d-dispost tal-imsemmi artikolu tal-liġi huwa wieħed tassattiv u ta' ordni pubbliku, bl-iskop tal-leġiżlatur ikun li fi kwistjonijiet bejn konsumatur u kummerċjant, il-partijiet għandhom qabel ma jadixxu lit-Tribunal, ifittxu u jippruvaw isibu soluzzjoni bonarja. Sempliċi ittra reġistrata kienet tkun biżżejjed biex l-appellat jagħti avviż lis-soċjetà appellanta dwar l-allegat nuqqas ta' konformità tal-oġġett ikkonsenjat mal-kuntratt bejn il-partijiet. Fi kwalunkwe każ l-appellant naqas milli jippreżenta kwalsiasi prova oħra, imqar

permezz ta' *email,* li turi li huwa kien wassal l-ilment tiegħu lill-kummerċjant fi żmien xahrejn minn meta ntebaħ bin-nuqqas ta' konformità.

13. Fin-nuqqas tal-appellat li ma pproduċiex id-dokument li għamel riferiment għalih fir-Risposta tiegħu, u peress li t-Tribunal naqas li jikkunsidra din l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *it-Tribunal ma ttrattax it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta*

14. Is-soċjetà appellanta eċċepiet quddiem it-Tribunal illi t-terminu tal-garanzija in konnessjoni mat-tieqa inkwistjoni kien laħaq għadda u għalhekk ma kien hemm l-ebda dritt ta' azzjoni kontra s-soċjetà appellanta da parti tal-appellat. Is-soċjetà appellanta tgħid li fil-fatt jirriżulta illi t-tieqa inkwistjoni flimkien mat-twieqi u l-affarijiet l-oħra ġew mixtrija u installati mis-soċjetà appellanta bejn Diċembru 2013 u Jannar 2014 u għalhekk is-sentejn garanzija skont il-liġi kienu laħqu skadew. Għaldaqstant anki abbażi ta' din l-eċċezzjoni t-talba tal-appellat kellha tiġi miċħuda.

15. Min-naħa tiegħu l-appellat fir-risposta tiegħu qal illi kif stqarr it-Tribunal stess fid-deċiżjoni tiegħu, kien hemm ammissjoni da parti tas-soċjetà appellanta peress li fil-mori tal-kawża quddiem l-istess Tribunal, kienet is-soċjetà appellanti stess li għamlet diversi wegħdiet lill-appellat sabiex tiġi rranġata t-tieqa inkwistjoni. Għal darb'oħra l-appellat fir-risposta tiegħu jagħmel riferiment għal dokumentazzjoni li suppost kienet annessa mar-

risposta tiegħu, imma li fil-fatt ma kinitx. Anki li kieku tali dokumentazzjoni kienet annessa mar-risposta tal-appellat, din ma setgħetx tiġi ppreżentata fl-istadju tal-appell jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti u għal raġunijiet li trid il-liġi. Fi kwalunkwe każ ma jirriżultax mill-atti illi s-soċjetà appellanta kienet b'xi mod ikkommettiet ruħha li tirranġa t-tieqa inkwistjoni, u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm xi ammissjoni ta' tort da parti tas-soċjetà appellanta.

Għal din ir-raġuni tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq u tilqu.

*It-tielet aggravju:* *it-Tribunal ma ttrattax it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta*

16. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll illi t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu ta t-tort tal-allegata ħsara lis-soċjetà appellanta u dan mingħajr ma ta l-ebda raġuni għal dan ħlief għall-fatt illi fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal għamel riferiment għal dak li qal ir-rappreżentant tas-soċjetà appellanta Jonathan Aquilina. ossija fejn dan qal illi *"jekk ikun hemm thermal break, it-twieqi għalhekk jinqasmu"*, li bl-ebda mod ma jagħti xi tip ta' responsabbiltà lis-soċjetà appellanta dwar dan il-ksur. Is-soċjetà appellanta tgħid li min jallega jrid jipprova, u l-appellat ma ressaq l-ebda prova dwar l-allegazzjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjetà appellanta.

14. Min-naħa tiegħu l-appellat sabiex jilqa' għal dan l-aggravju jistrieħ għal darb'oħra fuq dik illi jsejjaħ 'l-ammissjoni' tas-soċjetà appellanta, li kif diġà ġie kkonstatat mill-Qorti aktar 'il fuq, bl-ebda mod ma tirriżulta mill-atti.

15. Għal din ir-raġuni tqis li dan l-aggravju huwa wkoll ġustifikat u tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju:* *it-Tribunal ma ttrattax it-tielet u r-raba eċċezzjoni tas-soċjetà appellanta*

16. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal lanqas ma daħal fil-kwistjoni dwar kif l-appellat stqarr li xtara tliet itwieqi mingħand is-soċjetà appellanta għas-somma ta' Euro 3,000, u fl-ilment quddiem it-Tribunal, li kien dwar tieqa waħda biss, l-appellant kien qiegħed jitlob Euro 3,494, u dan mingħajr ebda prova fir-rigward.

17. L-appellat jgħid li l-valur imsemmi fid-deċiżjoni appellata jirriżulta mill-proċeduri quddiem l-istess Tribunal u barra minn hekk is-soċjetà appellanta għamlet ammissjoni li ser isir ix-xogħol neċessarju sabiex il-ħsara tiġi rimedjata.

18. Illi kif diġà ntqal aktar 'il fuq, mill-atti ma tirriżulta l-ebda ammissjoni da parti tas-soċjetà appellanta, u barra min hekk ma jirriżultax mill-atti kemm ġiet tiswa eżattament it-tieqa inkwistjoni għall-appellat.

Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tal-appellanta ġustifikat u tilqgħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu, u filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata fl-**

**ismijiet premessi fejn it-Tribunal kien laqa' t-talba tar-rikorrenti, minflok tiċħad l-istess talba u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**